# IL-QORTI TAL-APPELL KRIMINALI

**Onor. Imħallef Dr. Aaron M. Bugeja M.A. (Law), LL.D. (melit)**

---

**Illum 28 ta' Jannar 2021**

Appell numru 91 tal-2020

**Il-Pulizija**
**vs.**
**Tristan SCIBERRAS**

Il-Qorti:

1. Dan huwa appell minn sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) nhar is-16 ta' Ġunju 2020 fil-konfront ta' Tristan SCIBERRAS, karta tal-identità bin-numru 46399 M li ġie mixli (in suċċint):

    i. Talli nhar it-23 ta' Jannar 2017 għall-ħabta ta' 23:30 u/jew ħinijiet ta' qabel fi Triq Zinzel, Marsascala u/jew f'dawn il-gżejjer saq vettura Maruti 800 bin-numru tar-reġistrazzjoni LIN053 mingħajr liċenza tas-sewqan;
    ii. B'hekk ma kienx koperta minn polza ta' sigurat għal riskju ta' terzi persuni;
    iii. Fl-istess ċirkostanza bil-ħsieb li jagħmel użu temporanju minn din il-vettura saq l-istess vettura mingħajr il-permess tas-sid jew tal-awtorita kompetenti;
    iv. Talli saq l-istess vettura b'manjiera perikoluża u traskurata;

v. B’nuqqas ta’ ħsieb, bi traskuraġni jew b’nuqqas ta’ ħila fl-arti jew fil-professjoni jew b’nuqqas ta’ tħaris tar-regolamenti ikkaġuna ħsara fuq l-istess vettura għad-detriment ta’ Emanuel Grima jew persuni oħra;

vi. Talli volontarjament għamel ħsara jew għarraq ħwejjeġ ħaddieħor billi għamel ħsara fuq din il-vettura li ma tiskorrix l-€2500 iżda li hija iżjed minn €250;

vii. Il-Qorti ġiet mitluba wkoll li f’każ ta’ sejbien ta’ ħtija l-ħati jiġi skwalifikat mil-liċenzi tas-sewqan tiegħu.

2. Permezz tas-sentenza aktar ‘il fuq imsemmija, il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta’ Ġudikatura Kriminali, sabitu mhux ħati tar-raba’, ħames u sitt imputazzjonijiet u minnhom illiberatu minn kull ħtija u piena filwaqt li sabitu ħati tal-ewwel, it-tieni u t-tielet imputazzjonijiet u kkundannatu għall-piena ta’ tliet elef euro (€3000) kif ukoll skwalifikatu milli jkollu jew jikseb liċenza tas-sewqan għal perjodu ta tliet xhur.

3. Illi Tristan SCIBERRAS appella minn din is-sentenza fejn talab lil din il-Qorti sabiex tvarja s-sentenza appellata billi tikkonfermaha fejn din illiberatu mir-raba, ħames u sitt imputazzjonijiet filwaqt li tħassarha fir-rigward ta’ fejn sabitu ħati tal-ewwel, it-tieni u t-tielet imputazzjonijiet billi tilliberah minn kull ħtija u piena jew alternattivament billi tinfliġġi piena aktar miti. Dan kollu wara li stqarr is-segwenti :

i. F’dan il-każ huwa ma setgħax jinstab ħati in bażi għall-provi prodotti peress illi hu kien irrilaxxa stqarrija mingħajr assistenza legali allavolja ngħata d-drittijiet l-oħra. Infatti ma kienx hemm prova dokumentarja f’dan is-sens. B’hekk l-istqarrija tiegħu kellha tiġi skartata. Inoltre, l-Qorti tal-Maġistrati (Malta) ibbażat ruħha fuq l-istqarrija ta’ ċertu Warren Mercieca li kien allegatament xhud okulari u li kien ukoll irrilaxxa stqarrija. Meta dan ix-xhud xehed viva voce hu ma kkonfermax l-istqarrija tiegħu u saħaq illi ma ftakarx min kien qed isuq il-vettura in kwistjoni. Hu saħansitra jisħaq ili ma kienx minnu li l-Pulizija tawħ id-dritt għall-assistenza legali. Minkejja dan il-Qorti tal-Maġistrati warrbet din ix-xhieda u bbażat ruħha fuq l-istqarrija ta’ Warren Mercieca allavolja ma ġietx ikkonfermata minnu bil-ġurament. L-istqarrija setgħet tintuża biss bħala prova kontra l-appellant kienet din kienet l-

istqarrija tal-appellant stess u kieku saret b'mod validu. Il-Qorti tal-Maġistrati setgħet avżat lix-xhud li ma kinitx qegħda temmnu sabiex tieħu dawk il-prekawzjonijiet kollha meħtieġa. In oltre ma tistax tiskarta xhieda bil-ġurament u toqgħod minflok fuq stqarrija mhux ġuramentata. Konsegwentement ma tressqitx prova li l-appellant kien fil-fatt qed isuq hu.

ii. Inoltre l-appellant jilmenta li l-piena kienet eċċessiva. Il-vettura nstaqet biss fi sqaq tant illi l-Qorti tal-Maġistrati (Malta) dehrilha li ma kienx hemm prova ta' sewqan perikoluż jew negliġenti.

## Ikkunsidrat

4. Illi din il-Qorti hija Qorti ta' reviżjoni tas-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati u ma tbiddilx l-apprezzament tal-provi magħmul mill-Qorti tal-Maġistrati meta dik il-Qorti tkun legalment u raġonevolment korretta fl-apprezzament li hija kienet għamlet. Fis-sentenza ***Ir-Repubblika ta' Malta vs Emanuel ZAMMIT*** deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Superjuri)[1] intqal:-

---

[1] Tal-21 t'April 2005. Ara wkoll Ara, fost ohrajn, l-Appelli Kriminali Superjuri: ***Ir-Repubblika ta' Malta vs Domenic Briffa***, 16 ta' Ottubru 2003; ***Ir-Repubblika ta' Malta vs Godfrey Lopez*** u r-***Repubblika ta' Malta v. Eleno sive Lino Bezzina*** 24 ta' April 2003, ***Ir-Repubblika ta' Malta vs Lawrence Asciak sive Axiak*** 23 ta' Jannar 2003, ***Ir-Repubblika ta' Malta vs Mustafa Ali Larbed***; ***Ir-Repubblika ta' Malta vs Thomas sive Tommy Baldacchino***, 7 ta' Marzu 2000, ***Ir-Repubblika ta' Malta vs Ivan Gatt***, 1 ta' Dicembru 1994; u ***Ir-Repubblika ta' Malta vs George Azzopardi***, 14 ta' Frar 1989; u l-Appelli Kriminali Inferjuri: ***Il-Pulizija vs Andrew George Stone***, 12 ta' Mejju 2004, ***Il-Pulizija vs Anthony Bartolo***, 6 ta' Mejju 2004; ***Il-Pulizija vs Maurice Saliba***, 30 ta' April 2004; ***Il-Pulizija vs Saviour Cutajar***, 30 ta' Marzu 2004; ***Il-Pulizija vs Seifeddine Mohamed Marshan*** et, 21 ta' Ottubru 1996; ***Il-Pulizija vs Raymond Psaila et***, 12 ta' Mejju 1994; ***Il-Pulizija vs Simon Paris***, 15 ta' Lulju 1996; ***Il-Pulizija vs Carmel sive Chalmer Pace***, 31 ta' Mejju 1991; ***Il-Pulizija vs Anthony Zammit***, 31 ta' Mejju 1991.

Fil-kawża ***Ir-Repubblika ta' Malta vs Domenic Briffa*** ġie mistqarr li :

> Kif gie ritenut diversi drabi, hawn qieghdin fil-kamp ta' l- apprezzament tal-fatti, apprezzament li l-ligi tirrizerva fl- ewwel lok lill-gurati fil-kors tal-guri, u li din il-Qorti ma tiddisturbahx, anke jekk ma tkunx necessarjament taqbel mija fil-mija mieghu, jekk il-gurati setghu legittimament u ragonevolment jaslu ghall-verdett li jkunu waslu ghalih. Jigifieri l-funzjoni ta' din il-Qorti ma tirrizolvix ruhha f'ezercizzju ta' x'konkluzjoni kienet tasal ghaliha hi kieku kellha tevalwa l-provi migbura fi prim'istanza, imma li tara jekk il-verdett milhuq mill-gurija li tkun giet "properly directed", u nkwadrat fil-provi prodotti, setax jigi ragonevolment u legittimament milhuq minnhom. Jekk il-verdett taghhom huwa regolari f'dan is-sens, din il-Qorti ma tiddisturbahx (ara per ezempju Ir-Repubblika ta' Malta v. Godfrey Lopez u r-Repubblika ta' Malta v. Eleno sive Lino Bezzina decizi minn din il-Qorti fl-24 ta' April 2003, Ir-Repubblika ta' Malta v. Lawrence Asciak sive Axiak deciza minn din il-Qorti fit-23 ta' Jannar 2003, Ir-Repubblika ta' Malta v. Mustafa Ali Larbed deciza minn din il-Qorti fil-5 ta' Lulju 2002, ir-Repubblika ta' Malta v. Thomas sive Tommy Baldacchino deciza

kif dejjem gie ritenut huwa principju stabbilit fil-gurisprudenza ta' din il-Qorti li hija ma tiddisturbax l-apprezzament dwar il-provi maghmul mill-ewwel Qorti jekk tasal ghall-konkluzjoni li dik il-Qorti setghet ragjonevolment u legalment tasal ghall-konkluzjoni li tkun waslet ghaliha. Fi kliem iehor, din il-Qorti ma tirrimpjazzax id-diskrezzjoni fl-apprezzament tal-provi ezercitata mill-ewwel Qorti izda taghmel apprezzament approfondit tal-istess biex tara jekk dik l- ewwel Qorti kinitx ragjonevoli fil-konkluzjoni taghha. Jekk, izda, din il-Qorti tasal ghall-konkluzjoni li l-ewwel Qorti, fuq il-provi li kellha quddiemha, ma setghetx ragjonevolment jew legalment tasal ghall-konkluzjoni li tkun waslet ghaliha, allura din tkun raguni valida, jekk mhux addirittura impellenti, sabiex din il-Qorti tiddisturba dik id-diskrezzjoni u konkluzjoni.

5. Anke jekk din il-Qorti tistħarreġ ix-xiehda li tkun tressqet quddiem il-Qorti tal-Maġistrati, ir-rwol ta' din il-Qorti jibqa' dak ta' reviżjoni tad-deċiżjoni mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati. Fil-kors ordinarju tal-funzjoni tagħha, ma ssirx Qorti ta' ritrattazzjoni, u ma terġax tisma' l-każ u tiddeċiedi l-każ mill-ġdid. Id-deċiżjoni jekk l-imputat ikunx ħati jew le teħodha l-Qorti tal-Maġistrati, li għandha d-dover li tanalizza l-provi u l-argumenti legali kollha u tasal għall-konklużjonijiet tagħha.[2]

6. Din il-Qorti, b'hekk tirrevedi s-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati billi tara jekk u safejn, bis-saħħa tal-provi li jkunu ġew miġjuba mill-partijiet u tal-argumenti legali dibattuti quddiem il-Qorti tal-Maġistrati, setgħetx dik il-Qorti legalment u raġonevolment tasal għall-konklużjoni milħuqa minnha fis-sentenza tagħha. Biex tagħmel dan ix-xogħol ta' reviżjoni din il-Qorti, tkun trid tifli l-provi u l-argumenti miġjuba quddiem il-Qorti tal-Maġistrati u tara jekk, u safejn, b'dawk il-provi li kellha quddiemha, il-Qorti tal-Maġistrati setgħetx tasal

minn din il-Qorti fis-7 ta' Marzu 2000, u r-Repubblika ta' Malta v. Ivan Gatt deciza minn din il-Qorti fl-1 ta' Dicembru 1994).

[2] u dan sakemm ma jkunx hemm raġunijiet eċċezzjonali entro l-parametri ta' dak li jipprovdi l-artikolu 428(3)(5) tal-Kodiċi Kriminali li din il-Qorti tkun tista' tiddeċiedi hi l-meritu tal-kawża.

għall-konklużjonijiet tagħha kif jidhru fis-sentenza b'mod tajjeb u skont il-Liġi.

7. Jekk din il-Qorti tara li l-Qorti tal-Maġistrati setgħet tasal għall-konklużjonijiet li waslet għalihom skont il-provi u l-argumenti legali li kellha quddiemha, anke jekk dik ma kienetx l-unika konklużjoni li dik il-Qorti setgħet tasal għaliha, allura din il-Qorti ma tibdilx il-konklużjonijiet milħuqa mill-Qorti tal-Maġistrati. Dan peress li jekk il-Qorti tal-Maġistrati tkun għamlet xogħolha tajjeb, din il-Qorti ma tistax taqbad u tibdlilha s-sentenza tagħha, jekk mhux għax ikun hemm raġuni valida. Il-fatt biss li l-appellant ma jkunx jaqbel mal-konklużjonijiet tas-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati mhux biżżejjed biex din il-Qorti tibdel is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati.

8. Jekk mill-banda l-oħra din il-Qorti tara li, mill-provi li nġiebu jew mill-argumenti legali imresqin quddiemha, l-Qorti tal-Maġistrati tkun żbaljat fl-apprezzament tal-provi jew fl-interpretazzjoni tal-argumenti legali imresqin quddiemha, b'mod li allura din il-Qorti tqis ma jkunx sigur u sodisfaċenti li tistrieħ fuq dawk il-konklużjonijiet, allura din il-Qorti imbagħad għandha s-setgħa u d-dmir li tibdel dik is-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati, jew dawk il-partijiet minnha li jirriżultaw li jkunu żbaljati jew li ma jirriflettux il-Liġi.[3]

---

[3] Ara wkoll, fost oħrajn, l-Appelli Kriminali Superjuri: ***Ir-Repubblika ta' Malta vs Rida Salem Suleiman Shoaib***, 15 ta' Jannar 2009; ***Ir-Repubblika ta' Malta vs Paul Hili***, 19 ta' Gunju 2008; ***Ir-Repubblika ta' Malta vs Etienne Carter***, 14 ta' Dicembru 2004; ***Ir-Repubblika ta' Malta vs Domenic Briffa***, 16 ta' Ottubru 2003; ***Ir-Repubblika ta' Malta vs Godfrey Lopez*** u ***Ir-Repubblika ta' Malta vs Eleno sive Lino Bezzina,*** 24 ta' April 2003; ***Ir-Repubblika ta' Malta vs Lawrence Asciak sive Axiak,*** 23 ta' Jannar 2003, ***Ir-Repubblika ta' Malta vs Mustafa Ali Larbed***, 5 ta' Lulju 2002; ***Ir-Repubblika ta' Malta vs Thomas sive Tommy Baldacchino***, 7 ta' Marzu 2000, ***Ir-Repubblika ta' Malta vs Ivan Gatt***, 1 ta' Dicembru 1994; u ***Ir-Repubblika ta' Malta vs George Azzopardi***, 14 ta' Frar 1989; u l-Appelli Kriminali Inferjuri: ***Il-Pulizija vs Andrew George Stone***, 12 ta' Mejju 2004, ***Il-Pulizija vs Anthony Bartolo***, 6 ta' Mejju 2004; ***Il-Pulizija vs Maurice Saliba***, 30 ta' April 2004; ***Il-Pulizija vs Saviour Cutajar***, 30 ta' Marzu 2004; ***Il-Pulizija vs Seifeddine Mohamed Marshan et***, 21 ta' Ottubru 1996; ***Il-Pulizija vs Raymond Psaila et***, 12 ta' Mejju 1994; ***Il-Pulizija vs Simon Paris***, 15 ta' Lulju 1996; ***Il-Pulizija vs Carmel sive Chalmer Pace***, 31 ta' Mejju 1991; ***Il-Pulizija vs Anthony Zammit***, 31 ta' Mejju 1991.

9. Dawn il-provi pero jridu qabel xejn ikunu jirrispettaw ir-regoli tal-evidenza fi proċedimenti penali, ċjoe l-*Law of Evidence*.

10. L-artikolu 637 tal-Kodiċi Kriminali jgħid li għal dak li jirrigwarda xhieda ta' eta' minuri, xhieda tal-imputat kif ukoll ix-xhieda ta' persuni li huma klassifikati taħt l-artikolu 636 tal-Kodiċi Kriminali, fosthom persuni li jkollhom interess fil-kwistjoni li fuqha tkun meħtieġa x-xhieda tagħhom, jew fir-riżultat tal-kawża : -

> id-deċiżjoni (dwar il-kredibbilta tagħhom) titħalla fid-diskrezzjoni ta' min għandu jiġġudika l-fatti, billi jittieħed qies tal-imġieba, kondotta u karattru tax-xhud, tal-fatt jekk ix-xhieda għandiex mis-sewwa jew hix konsistenti, u ta' fattizzi oħra tax-xhieda tiegħu, u jekk ix-xhieda hix imsaħħa minn xiehda oħra, u taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ.

11. Imbagħad l-artikolu 638 tal-Kodiċi Kriminali jagħmilha ċara li huwa fid-dover tal-Prosekuzzjoni li ġġib il-provi kollha u l-aħjar prova possibbli sabiex il-grad tal-prova tal-Prosekuzzjoni jintlaħaq b'suċċess. Jekk dawk il-provi jkunu jikkonsistu prinċipalment fil-verżjoni ta' xhud waħdieni, il-Qorti xorta waħda tista' tasal sal-grad ta' prova rikjest fi proċedimenti kriminali, jekk dak ix-xhud ikun ġie emnut; u dan peress li f'din l-eventwalita, din ix-xiehda ssir biżżejjed biex tagħmel prova sħiħa u kompluta minn kollox, daqs kemm kieku l-fatt ġie ippruvat minn żewġ xhieda jew aktar. Fil-fatt l-artikolu 638(2) tal-Kodiċi Kriminali jgħid li xhud wieħed waħdu, jekk emnut, huwa suffiċjenti sabiex fuq ix-xiehda tiegħu il-Qorti tkun tista' ssib ħtija. Dan il-prinċipju ġie kkonfermat f'diversi każijiet li dawn il-Qrati kellhom quddiemhom fil-passat.[4] Jiġifieri huwa legalment korrett u

[4] Ara fost oħrajn l-appelli kriminali sede inferjuri fl-ismijiet ***Il-Pulizija vs Joseph Bonavia*** ppreseduta mill-imħallef Joseph Galea Debono u datata s-6 ta' Novembru 2002; ***Il-Pulizija vs Antoine Cutajar*** ippreseduta mill-Imħallef Patrick Vella u deċiża fis-16 ta' Marzu 2001; ***Il-Pulizija vs Carmel Spiteri*** ippreseduta mill-Imħallef David Scicluna u deċiża fid-9 ta' Novembru 2011; Ara wkoll ***Ir-Repubblika ta'***

permissibbli Qorti ta' Ġustizzja Kriminali tasal li ssib ħtija f'persuna akkużata fuq ix-xiehda ta' xhud wieħed biss.

12. In oltre kif gie ritenut mil-Qorti fl-Appell Kriminali fis-sentenza fl-ismijiet ***Il-Pulizija vs Joseph Thorne,***[5]

> mhux kull konflitt fil-provi ghandu awtomatikament iwassal ghall-liberazzjoni tal-persuna akkuzata. Imma l- Qorti, f' kaz ta' konflitt fil-provi, trid tevalwa l-provi skond il-kriterji enuncjati fl-artikolu 637 tal-Kodici Kriminali w tasal ghall-konkluzzjoni dwar lil min trid temmen u f' hix ser temmnu jew ma temmnux'.

13. F'dan il-kuntest, allura, l-akbar sfida li jkollhom il-Qrati fil-każijiet li jisimgħu hija li jiskopru l-verita storika; u dan peress li l-evidenza li tinġieb quddiemhom - kemm dik diretta, kif ukoll dik indiretta - mhux dejjem neċessarjament twassal għall-dik il-verita'. Xhud jista' jkun konsistenti kemm fil-veritajiet li jgħid, kif ukoll fil-gideb li jista' jkun qiegħed jgħid. U huwa għalhekk li jeżisti wkoll ir-reat ta' sperġur. Il-Qrati ma għandhomx is-setgħa li jaqraw l-imħuħ tan-nies. Il-Qrati jippruvaw jifhmu xi jkollhom f'moħħhom, f'qalbhom u fil-kuxjenza tagħhom in-nies li jidhru quddiemhom biss mill-kliem li jgħidu u mill-egħmil tagħhom. Il-Qrati jridu jistrieħu biss fuq il-provi li jkunu nġiebu quddiemhom – ċjoe l-evidenza diretta jew l-evidenza indiretta.

14. L-evidenza indiretta hi dik li prinċipalment tistrieħ fuq iċ-ċirkostanzi partikolari tal-każ. Għalkemm iċ-ċirkostanzi ma jitkelmux bħax-xhieda, u b'hekk ma jistgħux jigdbu, mill-banda l-oħra jistgħu jkunu qarrieqa. Dawn il-Qrati dejjem straħu fuq il-prinċipju li biex l-

***Malta vs Martin Dimech*** deċiża mill-Qorti tal-Appell Sede Superjuri u ppreseduta mill-Imħallfin Joseph Filletti, David Scicluna u Joseph R. Micallef u datata 24 ta' Settembru 2004.

[5] Deċiza fid-9 ta' Lulju 2003 mill-Qorti tal-Appell Kriminali Sede Inferjuri ippreseduta mill-Imħallef Joseph Galea Debono.

evidenza ċirkostanzjali tkun is-sies ta' sejbien ta' ħtija, din trid tkun univoka, jiġifieri li tipponta biss u esklussivament lejn direzzjoni u konklużjoni waħda u xejn ħliefha. Altrimenti, jekk iċ-ċirkostanzi jagħtu lok għal aktar minn konklużjoni waħda, il-Qorti ma tkunx tista' tistrieħ fuqhom biss biex tkun tista' ssib ħtija. Jekk ikun hemm dubju dettat mir-raġuni, il-Qorti ma tkunx tista' ssib ħtija fl-imputat jew akkużat.

15. Mill-banda l-oħra biex persuna tiġi misjuba ħatja, il-Liġi kriminali **ma teħtieġx** li din tkun stabbilita b'ċertezza assoluta. Il-Liġi tal-proċedura Maltija hija imnisla mis-sistema Ingliż fejn huwa meħtieġ li biex Qorti ta' Ġustizzja Kriminali tkun tista' ssib ħtija f'akkużat, il-Prosekuzzjoni tkun trid irnexxielha tipprova l-każ tagħha lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni in bażi għall-provi imresqa minnha. Jekk id-Difiża tipprova l-punt tagħha fuq bażi ta' probabbilita, jew tislet argument, inkluż mill-provi tal-Prosekuzzjoni stess, u jirnexxielha ddaħħal dubju dettat mir-raġuni, allura l-Qorti ma tkunx tista' ssib ħtija fl-akkużat.

16. Il-Qorti tkun tista' tasal għal din il-konklużjoni biss wara li tkun għarblet il-provi ammissibbli kollha li jkunu tressqu quddiemha, jiġifieri kemm l-evidenza ordinarja kif ukoll dik esperta, kemm dik diretta u kif ukoll dik indiretta. Fl-aħħar mill-aħħar dik il-Qorti trid tkun żgura moralment, *sure* fis-sistema Legali Ingliż,[6] li l-każ seħħ skont kif tkun qed tipprospetta l-Prosekuzzjoni *lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni.* Dan huwa l-ogħla livell ta' prova li l-Liġi teħtieġ biex

[6] ***R v Majid***, 2009, EWCA Crim 2563, CA at 2

tinstab ħtija; livell li huwa anqas miċ-ċertezza assoluta, iżda li huwa ogħla mill-bilanċ tal-probabbilitajiet.

17. Fil-każ Ingliż ***Majid***,[7] Lord Moses stqarr hekk :

> Judges are advised by the Judicial Studies Board, as they have been for many years, to direct the jury that before they can return a verdict of guilty, they must be sure that the defendant is guilty.

18. Inoltre, fil-ktieb tagħhom ***The Modern Law on Evidence***, Adrian Keane u Paul McKeown[8] jgħidu s-segwenti : -

> In the wake of difficulties encountered with the formula of proof beyond reasonable doubt, Majid makes it clear that the direction on the criminal standard must adhere to the formula of proof by being "sure", in accordance with the longstanding advice given to judges by the Judicial Studies Board. That advice currently contained in the Crown Court Bench Book, is simply that the prosecution prove their case if the jury, having considered all the relevant evidence, are sure that the accused is guilty. Further explanation is described as 'unwise'. If the jury are not sure then, they must find the accused not guilty.

19. Meta jiġi biex ifisser dan il-grad ta' prova fi proċedimenti kriminali, l-Imħallef William Harding kien xi drabi jirreferi għal dal-kunċett bħala l-prinċipju **tas-sikurezza**. Hekk per eżempju fl-appell kriminali fl-ismijiet ***Il-Pulizija vs Joseph Peralta*** deċiża mill-Qorti Kriminali nhar il-25 t'April 1957 dik il-Qorti kienet qalet li f'dak il-każ, in bażi għall-provi miġjuba quddiemha hija setgħet tasal **b'sikurezza** għall-konklużjoni fir-rigward tal-istat tal-imputat, liema stat fattwali kellu jiġi pruvat in bażi għal suffiċjenza probatorja lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni. B'hekk dik il-Qorti ġja fl-1957 kienet irrikonoxxiet l-ekwivalenza bejn l-istat mentali ta' sikurezza mas-suffiċjenza probatorja lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni, kif

[7] ibid.
[8] Oxford University Press, 2012, p. 106 – 108.

ukoll illum rifless fil-ġurisprudenza l-aktar reċenti fl-Ingilterra u Wales.

20. U huwa biss meta jkun hemm **id-dubju veru, bażat fuq ir-raġuni, fuq is-sens komun u fuq il-buon sens, ċjoe d-dubju li jibqa' jippersisti wara li jsir stħarriġ dettaljat u b'attenzjoni, b'diliġenza u b'mod imparzjali tal-provi u l-argumenti kollha li jkunu ġew imresqin mill-Prosekuzzjoni u mid-Difiża** li mbagħad, jekk jibqa' jippersisti dan id-dubju, jkun jista' jingħad li dak il-livell ta' sikurezza, ossija suffiċjenza probatorja lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni ma jkunx intlaħaq; u li allura bħala konsegwenza, il-Qorti ma tkunx tista' tiddikkjara lill-ħati tal-akkużi miġjuba kontrih.

21. Illi l-Liġi tafda l-eżerċizzju tal-analiżi tal-provi f'idejn il-Qorti tal-Maġistrati. Dan peress li l-Qorti tal-Maġistrati tkun fl-aħjar qagħda tqis il-provi kollha għax, normalment, tkun għexet personalment il-proċess quddiemha. Hija tkun setgħet tara u tisma' lix-xiehda jixhdu quddiemha. U għalhekk huwa għaqli li l-Liġi tħalli prinċipalment dan l-eżerċizzju ta' analiżi u apprezzament tax-xiehda tax-xhieda f'idejn il-Qorti tal-Maġistrati; liema eżerċizzju huwa importanzi ħafna u li din il-Qorti ttih il-piż li jixraqlu, in kwantu ma jistax jiġi disturbat kif ġieb u laħaq.

22. Anke fejn il-Qorti tal-Maġistrati, għal xi raġuni jew oħra, ma tkunx semgħet ix-xhieda kollha hi stess, xorta waħda l-Liġi tafda l-eżerċizzju tal-analiżi u deċiżjoni dwar il-fatti f'idejn il-Qorti tal-Maġistrati. Il-Qorti tal-appell xorta tibqa' Qorti tat-tieni grad, biex, fil-każijiet appellati tara jekk u safejn il-Qorti tal-Maġistrati setgħetx legalment u raġonevolment tasal għall-konklużjonijiet milħuqa

minnha in bażi għall-dawk il-provi u l-argumenti legali miġjuba quddiemha. Biss, kif intqal, din il-Qorti ma taqbadx u tibdel id-deċiżjoni tal-Qorti tal-Maġistrati kif ġieb u laħaq, u dan għar-raġuni miġjuba fil-kawża ***Il-Pulizija vs Lorenzo Baldacchino*** deċiża mill-Qorti Kriminali bħala Qorti tal-Appell deċiża nhar it-30 ta' Marzu 1963 mill-Imħallef William Harding fejn intqal is-segwenti : -

> Ma hemmx bżonn jinghad li l-komportament tax-xhud (*demeanour*) hu fattur importanti ta' kredibilita (ara Powell, On Evidence, p. 505), u kien, ghalhekk, li inghad mill-Qrati Ingliżi segwiti anki mill-Qrati taghna, illi "great weight should be attached to the finding of fact at which the judge of first instance has arrived" (idem, p. 700), appuntu ghaliex "he has had an opportunity of testing their credit by their demeanour under examination".

23. Issa kif intqal minn din il-Qorti diversament presjeduta fis-sentenza ***Il-Pulizija vs. Vincent Calleja*** deċiża nhar is-7 ta' Marzu 2002 din il-Qorti, bħala Qorti ta' reviżjoni tas-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati ma terġax tagħmel ġudizzju ġdid fuq il-każ f'dak li għandu x'jaqsam mal-valutazzjoni u evalwazzjoni tal-fatti tal-każ, iżda tillimita biss ruħha biex tara jekk id-deċiżjoni tal-Qorti tal-Maġistrati kienetx "*unsafe and unsatisfactory*" fuq il-bażi tar-riżultanzi li jkollha quddiemha dik il-Qorti. B'hekk din il-Qorti ma tistax tissostitwixxi d-deċiżjoni tal-Qorti tal-Maġistrati sakemm id-deċiżjoni ta' dik il-Qorti ma tkunx "*unsafe and unsatisfactory*". Jiġifieri jekk din il-Qorti tara li l-Qorti tal-Maġistrati setgħet legittimament u raġonevolment tasal għall-konklużjonijiet li waslet għalihom fuq il-bażi tal-provi u tal-argumenti legali li kellha quddiemha, allura din il-Qorti ma tistax taqbad u tibdel il-konklużjonijiet ta' dik il-Qorti – anke jekk il-Qorti tal-Appell Kriminali setgħet kienet tasal għal konklużjoni differenti minn dik milħuqa mill-Qorti tal-Maġistrati.

**Ikkunsidrat**

24. Illi nhar it-23 ta' Novembru 2017 il-Pulizija tal-Għassa ta' Marsaskala ġew infurmati illi kien hemm grupp ta' żagħżagħ qegħdin ikissru vettura li kienet tinstab fi Triq iz-Zinzell. Il-Pulizija marru fuq il-post fejn kif wasslu innutaw vettura bin-numru ta' reġistrazzjoni LIN053 u kif avviċinawha aktar kien hemm diversi żagħżagħ li telqu jiġru. Fosthom kien hemm l-appellant li safa' arrestat mill-Pulizija mingħajr ma offra reżistenza.

25. Skond il-Pulizija l-appellant ingħata d-drittijiet (kollha) tiegħu. Wara huwa ġie mitkellem u stqarr li l-vettura kienet mitluqa biċ-ċwievet fiha iktar il-fuq fit-triq. Stqarr li huwa telgħa fiha u beda jsuqha fejn daħal ġo ħajt iktar l-isfel tat-triq u għamel ħsarat fil-mera u fil-ġenb kollu tan-naħa tax-xellug. Hu ċaħad li kien hu li kisser il-ħġieġ. Meta l-Pulizija tkellmu ma sid il-vettura rriżulta li din il-vettura kienet tiegħu u li filfatt kienet insterqet xi żmien qabel minn quddiem ir-residenża tiegħu.

**Ikkunsidrat**

26. Illi f'dan il-każ jirriżulta li l-provi inkriminatorji kontra l-appellant kienu jikkonsistu f'żewġ kategoriji ta' stqarrijiet –

(a) l-istqarrijiet li allegatament irrilaxxja l-appellant fuq il-post ta' fejn ġie arrestat lill-Pulizija li kienu involuti fl-arrest tiegħu jiġifieri lil PC 859 A. Micallef, PC925 M. Bruno u PS518 A De Giovanni; u

(b) l-istqarrijiet li għamel ix-xhud Warren Mercieca

(i) bil-ġurament quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) u

(ii) mingħajr ġurament quddiem l-Ispettur Spiridione Mercieca nhar it-2 ta' Diċembru 2017 wara li kien suspettat li setgħa kien involut f'xi kommissjoni ta' reat kriminali li fih kien ukoll suspettat involut l-appellant Tristan SCIBERRAS.

27. F'dan l-appell l-appellant qiegħed jikkontesta l-ammissibbilita tal-istqarrijiet meħuda mill-appellant fis wara l-arrest tiegħu mill-Pulizija involuti in kwantu huwa qiegħed jikkontesta li huwa verament ingħata l-jedd li jikkonsulta ma avukat tal-fiduċja tiegħu qabel huwa rrilaxxja dawk l-istqarrijiet.

28. Inoltre l-appellant qiegħed ukoll jikkontesta l-ammissibbilita tal-istqarrija mogħtija mix-xhud Warren Mercieca lill-Ispettur Spiridione Zammit bħala prova f'dawn l-atti in kwantu din l-istqarrija ma ġietx debitament konfermata bil-ġurament mix-xhud li kien irrilaxxaha.

29. Illi din il-Qorti, wara li eżaminat l-atti tal-kawża tqis li l-appellant f'dan il-każ, għandu raġun. Dan għar-raġunijiet li ġejjin.

30. Mis-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) jirriżulta li dik il-Qorti kienet ħadet kont tal-fatt li l-Pulizija kollha li xehdu f'dan il-każ kienu kkonfermaw li l-appellant kien "ngħata d-drittijiet kollha tiegħu" qabel ma huwa ġie mitkellem. Dik il-Qorti tirrikonoxxi li minkejja tali stqarrijiet, ma ġiet eżebita ebda dikjarazzjoni dwar ir-rifjut għall-parir legali.

31. Inoltre jirriżulta wkoll mill-istess sentenza li meta ġiet biex tisma' lix-xhud Warren Mercieca, hija nnutat li dan kien xhud li ma

kienx kapaċi jiftakar dettalji importanti – b'mod partikolari l-anqas ma kienx kapaċi jgħid min kien saq il-karozza. Dik il-Qorti tgħid pero li dak ix-xhud kien ikkonferma li kien ta stqarrija quddiem l-Ispettur Spiridione Zammit ftit żmien wara r-reat in kwistjoni. Dik il-Qorti jirriżulta li meta ġiet biex issib ħtija fl-appellant straħet fuq l-istqarrija li Mercieca kien irrilaxxa lill-Ispettur Zammit aktar milli dak li huwa kien xehed viva voce fil-Qorti.

**Ikkunsidrat**

32. Qabel xejn, l-aġenti tal-Pulizija li xehdu f'dan il-każ jgħidu li l-appellant għamel kien għamel xi stqarrijiet meta ġie arrestat mill-Pulizija fuq ix-xena tad-delitt iżda dan sar wara li kienu tawh id-drittijiet (kollha). PC859 A. Micallef a fol 7 jgħid li "*Tristan stqarr wara li nghata d-drittijiet kollha tieghu*"; PC925 M. Bruno a fol 13 jgħid li "*Wara li gie moghti drittijiet tieghu saret tfittxija fuq il-persuna ta' Tristan u stqarr illi*"; PS518 Anthony De Giovanni a fol 20 jgħid li "*kien certu Tristan Sciberras, fejn dan, anke, dak il-hin, wara li nghata d-drittijiet kollha tieghu, qal, li sabu karozza*". Jiġifieri dawn l-aġenti tal-Pulizija jaqblu bejniethom li Tristan Sciberras ingħata d-drittijiet (kollha) tiegħu.

33. Iżda l-mistoqsijiet jiġu waħedhom :

(a) għalkemm kulħadd jgħid li ingħatawlu d-drittijiet kollha, ħadd minnhom ma jgħid min fil-fatt stqarr lill-appellant x'kienu dawn il-jeddijiet tiegħu. Min fosthom kien dak li tah dawn id-drittijiet – xi wieħed minnhom? Tnejn minnhom? It-tlieta li huma? Min?;

(b) peress li illum il-ġurnata persuna suspettata jew akkużata li wetqet reat kriminali għandha jeddijiet proċedurali varji, inkluż twissijiet li għandha tingħata u jeddijiet li għandha dritt għalihom meta tkun hekk suspettata jew akkużata, eżattament x'riedu jgħidu dawn l-aġenti tal-Pulizija meta qalu li l-appellant kien ingħata d-drittijiet (kollha) tiegħu? Ingħata d-drittijiet kollha x'jiġifieri? X'kienu eżattament dawk id-drittijiet li ingħatawlu? Żguri li kienu ingħatawlu t-twissijiet u l-jeddijiet kollha, inkluż il-jedd li jikkonsulta ma avukat b'mod li allura jkun jista' jeżerċita d-dritt għad-difiża tiegħu b'mod prattiku u effettiv fis-sens li trid il-Liġi? L-appellant qiegħed jikkontesta dan f'dan il-każ.

34. Iżda, dawn il-mistoqsijiet jibqgħu mhux imwieġba f'dan il-każ. Minħabba f'hekk, u minħabba l-fatt li l-appellant abilment qiegħed jikkontesta din il-proċedura, din il-Qorti tqis li tweġiba għal dawn il-mistoqsijiet kienet, u saret kwisjoni fundamentali f'dan il-każ. Dan peress li n-nuqqas ta' tweġiba sikura u ċara għal dawn il-mistoqsijiet twassal għal dubju serju dwar jekk u kemm l-istqarrijiet allegatament magħmula mill-appellant fuq il-post fis wara li ġie miġbur mill-Pulizija setgħu jitqiesu li kienu provi ammissibbli f'dan il-każ.

35. Biex il-protezzjoni maħsuba li tingħata lil persuna suspettata jew akkużata b'dawn il-jeddijiet tintlaħaq, il-Pulizija trid tassigura li dawn il-jeddijiet jiġu mogħtija b'mod effettiv u li jkunu jistgħu jiġi eżerċitati b'mod prattiku u effettiv mill-persuna suspettata jew akkużat. Għalkemm il-persuna suspettata jew akkużata tista' tagħżel li ma tagħmilx użu mil-jeddijiet mogħtija lilha, jibqa' l-fatt li l-għoti tat-twissijiet ta' dawk il-jeddijiet u l-possibilita li l-persuna suspettata jew akkużata tirrikorri għal użu u twettieq fil-prattika ta'

dawk il-jeddijiet jridu jkunu effettivi – b'mod partikolari f'kuntest fejn il-persuna suspettata li kkommettiet reati kriminali tiġi mitkelma fuq il-post tal-allegat inċident – bħal ma ġara f'dan il-każ. Din il-Qorti tifhem li l-Pulizija jkollha urġenza li tistabbilixxi l-fatti tal-każ u b'hekk ċerti mistoqsijiet fuq il-post fis wara l-allegat akkadut jassumu importanza kbira. Iżda dan ma jistax isir a skapitu tal-jeddijiet tal-persuna suspettata jew akkużata li dejjem ikollha l-jedd li tkun tista' teżerċita l-jeddijiet mogħtija bis-saħħa tal-Liġi b'mod prattiku u effettiv.

36. Dan qed jingħad minħabba l-fatt illi – minkejja dak mistqarr mill-Pulizija li arrestawh u kellmuh - l-appellant jisħaq li hu qatt ma ngħata l-jedd li jikkonsulta mal-avukat tal-fiduċja tiegħu. Dawn l-Aġenti tal-Pulizija jisħqu li huma tawh id-drittijiet kollha qabel tkellmu miegħu. Iżda ma jagħtux tweġiba ċara la min minnhom tah dawn il-jeddijiet, dawn il-jeddijiet x'kienu u jekk kienux jinkludu l-jedd li Sciberas jikkonsulta ma Avukat tal-fiduċja tiegħu qabel ma huwa ġie mistoqsi u wieġeb għal mistoqsijiet mill-Pulizija jew jagħmel xi stqarrija spontanja oħra – aktar u aktar meta l-appellant ġie mitkellem mill-Pulizija u allegatament irrilaxxja l-istqarrijiet tiegħu fuq il-post tal-allegat inċident.

37. Ma hemmx dubju li dan id-dritt tal-assistenza legali kellu jingħata mill-Pulizija b'mod ċar u espliċitu lill-appellant u dan peress li dan il-każ seħħ wara d-dħul fis-seħħ tal-emendi fil-Kodiċi Kriminali fis-sena 2016 fejn allura d-dritt għall-konsultazzjoni mal-avukat qabel u/jew matul l-interrogazzjoni trid tingħata lil min ikun suspettat jew akkużat skond il-liġi -u din il-Qorti żżid, b'mod prattiku u effettiv.

38. In oltre l-verżjoni tal-appellant li huwa ma ingħatax dan il-jedd li jikkonsulta ma avukat hija msaħħa mill-fatt li mill-atti ma jirriżultax li l-Pulizija qatt eżebew xi dikjarazzjoni mill-appellant li turi li hu ddikjara li rrifjuta għall-jedd għall-konsultazzjoni legali – bħal ma f'diversi każijiet oħra l-Prosekuzzjoni tagħmel u tressaq bi prova fi proċeduri kriminali meta persuna tkun ġiet mogħtija l-jeddijiet tagħha li tikkonsulta u din tirrifjuta li tikkonsulta.

39. Verament li mid-diċitura tal-liġi li tirregola l-arresti u d-drittijiet li għandhom jingħataw lill-persuni suspettati u dawk taħt arrest, l-Pulizija huma obbligati li jifformulaw din id-dikjarazzjoni prinċipalment għall-fini ta' 'record-keeping' tagħhom aktar milli sabiex jiġi eżebit matul il-proċeduri fil-konfront ta' dak li jkun. Biss fil-prattika dawn id-dikjarazzjonijiet jiġu eżebiti mill-Pulizija fi proċeduri kriminali bħala salvagwardja probatorja - anki jekk ma ssir l-ebda kontestazzjoni dwar il-validita' tal-istqarrijiet rilaxxati. F'dan il-każ jirriżulta li dik il-kontestazzjoni saret, u n-nuqqas ta' produzzjoni ta' xi dikjarazzjoni ta' dan it-tip ma ssaħħaħx idejn il-verżjoni mogħtija mix-xiehda tal-Prosekuzzjoni.

40. Din il-Qorti fliet l-atti kollha proċesswali bir-reqqa fejn jirriżulta li l-unika referenza li issir għal dak mistqarr mill-appellant tirriżulta fl-NPS a fol 5, u mill-affidavit ta' PC859 A. Micallef, PC925 M. Bruno u d-deposizzjoni ta' PS518 Anthony De Giovanni aktar il-fuq imsemmija.

41. Din il-Qorti jidhrilha li l-Pulizija huma mistennija li jkunu f'qagħda li jgħidu b'mod ċar dawn il-jeddijiet mogħtija lill-appellant x'kienu u min tahhomlu – u mhux jużaw din il-formula ġenerika li "ngħata d-drittijiet kollha tiegħu" li tista' tfisser ħafna u li fl-istess waqt

ma tista' tfisser xejn; jerġa jingħad - aktar u aktar meta illum il-ġurnata persuni suspettati u akkużati għandhom dritt jingħataw twissijiet dwar drittijiet varji li jgawdu minnhom bis-saħħa tal-Liġi. X'kienu dawn id-drittijiet u min tahom jibqa' fir-relm tal-misteru f'dan il-każ. Din il-formula ġenerika ma tispeċifikax b'mod ċar li l-appellant ingħata d-dritt li jikkonsulta mal-avukat tal-għażla tiegħu. Il-prova li dawn id-dmirijiet tal-Pulizija li jagħtu twissijiet u jeddijiet lil persuni suspettati jew akkużati u li dawn ikunu ġew imwetqa kif trid il-Liġi hija prova li tispetta li titressaq, lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni, mill-Prosekuzzjoni. Il-Pulizija ma jistgħux iħalluha aktar għall-immaġinazzjoni u spekulazzjoni ta' dak li jkun.

42. Ġaladarba kien hemm kontestazzjoni da parti tal-appellant dwar jekk verament ingħatax mill-Pulizija t-twissijiet dwar il-jedd tal-konsultazzjoni ma avukat qabel u/jew waqt l-interrogatorju, u ġaladarba li l-Prosekuzzjoni ma ppreżentatx provi sodi, inkluż dawk dokumentarji li b'xi mod isaħħu l-verżjoni tal-aġenti tal-Pulizija li huma, fost il-t-twissijiet u jeddijiet li huma jgħidu li taw lill-appellant kienx hemm dak ukoll li jikkonsulta ma avukat tal-fiduċja tiegħu, din il-Qorti tqis li l-Qorti tal-Maġistrati (Malta) kellha quddiemha xenarju fejn tnissel dubju dettat mir-raġuni jekk u safejn dawn il-jeddijiet allegatament mogħtija lill-appellant mill-Aġenti tal-Pulizija fuq il-post tal-allegat inċident kienux ukoll jinkludu u jestendu għad-dritt li jikkonsulta ma avukat skont il-Liġi.

43. Inoltre, paradossalment, dan ix-xenarju jikkontrasta dak li jdawwar l-istqarrija rilaxxjata mix-xhud Warren Mercieca, eżebita a fol 26 mnejn jirriżulta li dik l-istqarrija meħuda mill-Ispettur Spiridione Zammit kien fiha dikjarazzjonijiet ċari u miktuba ta' jeddijiet li

persuna suspettata għandha inkluż li Mercieca kien infurmat bid-dritt tiegħu li jkun jista' jikkonsulta ma avukat tal-għażla tiegħu u anke li l-avukat jista' jkun preżenti waqt l-sitqarrija tiegħu u li huwa kien irrinunzja għal dan id-dritt. Biss ebda tali dikjarazzjoni ma tirriżulta fil-każ tal-appellant Sciberras innifsu.

44. Illi f'dan il-kuntest probatorju, din il-Qorti tqis li, anke fid-dawl tal-eta żgħira tal-appellant fiż-żmien meta seħħ dan il-każ – tmintax il-sena, kif ukoll iċ-ċirkostanzi ta' kif seħħew il-fatti f'dan il-każ, il-Pulizija li xehdu kellhom ikunu f'qagħda mhux biss li jwetqu d-dmirijiet tagħhom tajjeb – kif din il-Qorti ma għandhiex dubju li għamlu – iżda wkoll li, quddiem il-Qorti tal-Maġistrati – **<u>jkunu f'qagħda li juru, bil-provi ċari u b'saħħithom</u>**, li huma jkunu wetqu d-dmirijiet tagħhom b'mod tajjeb: u mhux jassumu li kulħadd jifhimhom meta jgħidu li taw id-drittijiet kollha lil dak li jkun. Huma jridu jippruvaw x'kienu dawn il-jeddijiet li jkunu taw, u min ikun tahom dawk id-drittijiet, kif u lil min ikun tahom u dan sabiex meta, bħal ma ġara f'dan il-każ, dak li jkun igiddibhom, ikunu f'qagħda li juru dak li jkunu għamlu kien is-sewwa, u mhux biss bil-kliem, iżda wkoll bil-fatti u bi provi ċari.

**Ikkunsidrat**

45. Illi apparti minn hekk jirriżulta wkoll li l-Qorti tal-Maġistrati (Malta) ibbażat id-deċiżjoni tagħha prinċipalment fuq dak illi stqarr ċertu Warren Mercieca – mhux daqstant meta xehed viva voce quddiem il-Qorti daqskemm minn dak li huwa kien stqarr fi stqarrija mal-Pulizija fi żmien meta l-istess Mercieca kien suspettat fl-involviment fl-istess fatti u fejn kien indika lill-appellant bħala dak li

hu ra jsuq il-vettura in kwistjoni – għalkemm anke dan il-fatt li ingħad li rah isuq il-vettura de quo mhux preċiż kif ser jiġi muri aktar il-quddiem.[9]

46. Warren Mercieca xehed f'dawn il-proċeduri iżda meta ddepona ma kienx f'posizzjoni jikkonferma illi l-appellant kien qed isuq il-vettura. Huwa jgħid li kien għadda ż-żmien; biss minkejja dan kien f'posizzjoni jiftakar xi dettalji oħra dwar il-każ.

47. Issa kwantu għal meta, kif u f'liema ċirkostanzi u b'liema mod tali stqarrija tista tintuża minn Qorti ta' Ġudikatura Kriminali fi proċeduri kriminali, din il-Qorti tagħmel ukoll referenza għall-kawża ***Ir-Repubblika ta' Malta vs Edwin Bartolo***, fejn il-Qorti tal-Appell Kriminali Superjuri rriteniet is-segwenti:

> Il-principju illi d-dikjarazzjonijiet precedenti huma ammissibbli ghall-fini tal-kontradditorju, cjoe' biex jigi kkontrollat ix-xhud li jkun qed jixhed diversament minn dak li jkun iddikjara qabel (ez. waqt l-inkjesta magisterjali jew waqt il-kumpilazzjoni), izda li l-istess dikjarazzjonijiet precedenti ma jaghmlux provi tal-kontenut taghhom in sostituzzjoni ghal dak li jkun qed jigi deponut viva voce fil guri, huwa principju illi gie stabbilt fil-Common Law qabel ma gie importat fis-sistema taghna u kkodifikat. L-argument favur din ir-regola ortodossa, u cjoe' illi previous inconsistent statements m'ghandhomx ikunu ammessi bhala prova for the truth of their contents, izda biss biex jigi kkontrollat ix-xhud, tidher li hija bbazata fuq dawn il-konsiderazzjonijiet. (a) Ic-cirkostanza li hafna drabi tali dikjarazzjoni precedenti tkun jew tista tkun, inghatat minghajr gurament; (b) L-inabilita' ta' min irid jiggudika fuq il-fatti illi jivvaluta l-komportament tax-xhud fil-mument illi jkun ghamel dik d-dikjarazzjoni u li ghalhekk jaghmel il-gudizzju serju fuq il-kredibilita' fil-mument meta l-istess dikjarazzjoni tkun saret. (c)

---

[9] Hawnhekk din il-Qorti ma kellhiex provi sikuri li Warren Mercieca kien ukoll xhud ammissibbli kontra l-appellant in kwantu mill-istqarrija rilaxxjata minnu lill-Ispettur Spiridione Zammit huwa ċar li kien allegatament suspettat li ħa sehem f'reat kriminali li fih allegatament kien involut ukoll l-appellant f'xi kapaċita bħala awtur, ko-awtur jew kompliċi u mhux ċar jekk kienx hemm proċeduri kriminali determinati b'mod finali kontra tiegħu. Dan qiegħed jingħad fid-dawl tal-fatt li f'***Rex vs. Carmelo Cutajar ed altri***, **deċiż fit-18 ta' Jannar 1927 intqal is-segwenti :**

> **" '...[la] quale disposizione non pone alcuna distinzione circa il grado in cui il teste fosse stato imputato, se, cioe`, come autore o coautore del delitto o come complice, essendo solo importante per i fini della ammissibilita` della sua deposizione che egli, non avendo a temere alcuna azione criminale per quanto va a deporre, non abbia l'interesse di scagionarsi e di incriminare altri' (18/1/1927, Kollezz Deciz XXVI iv 758, 760).**

Biss din il-Qorti rat li Warren Mercieca kien ġie prodott bħala xhud f'dan il-każ u ebda eċċezzjoni għall-ammissibbilita tiegħu fit-termini aktar il-fuq imsemmija ma ġiet sollevata mill-appellant jew mill-Avukat Ġenerali..

In-nuqqas ta' kontro-ezami kontemporanju mill-akkuzat lix-xhud li jkun ghamel dik l-istqarrija precendenti il-mument illi jkun ghamilha. Ma' dawn ir-ragunijiet ghandha tizdied raguni ohra li hija ta' importanza fondamentali u li ghandha parmetri ta' indoli Kostituzzjonali, u cjoe' illi wiehed mill-principji fondamentali tal-process penali huwa illi xejn ma jista' jsir fl-assenza ta' l-imputat jew l-akkuzat hlief dak li hu permess mil-ligi bhala eccezzjoni. Minn mindu dan il-principju gie introdott fis-sistema tradizzjonali tal-Common Law, l-istess kien suggett ghall-kritika varja li wasslet biex f'certi pajjizi appartenenti ghal din it-tradizzjoni legali, immodifikaw din ir-regola u f'certu kazi anke eliminawha. Ir-regoli u l-principju ta' procedura penali u ta' evidenza importanti fis-sistema taghna u eventwalment kodifikati kemm fit-Tieni Ktieb tal-Kodici Kriminali, kif ukoll, fejn applikabbli, fil-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili, jirriflettu l-maggorparti tar-regoli u principji kif kienu vigenti fin-nofs tas-Seklu l-iehor fis-sistema Anglo-Sassoni u partikolarment fl-Ingilterra u fl-Iskozja. Pero', filwaqt li, anke minhabba s-sistema anglo-Sassoni kif inhi, dawn ir-regoli gew perjodikamnet assoggettati ghal revizjoni f'diversi pajjizi li jsegwu dik it-tradizzjoni u kultant, anzi, gew immodifikati radikalment jew addirittura mibdula b'regola kuntarji f'Malta, ir-regoli u l-principji, salv xi eccezzjonijiet, baqghu kif gew originalment introdotti fil-Kodicijiet imsemmija u fejn intmissu dan sar legislattivament. Dak li ghandhom jiehdu in konsiderazzjoni l-gurati huwa dak li jkun gie depost quddiemhom u mhux dak li jkun intqal f'sede ohra. Dak li l-istess xhieda setghu jkunu qalu f'okkazjonijiet precedenti ghandu l-importanza tieghu biss jekk u meta jintuza biex dak l-istess xhud jigi kkontrollat fix-xhieda tieghu. Fil-guri, infatti, ghalkemm normalment ix-xhieda kollha tal-prosekuzzjoni jkunu ga' xehdu fil-kumpilazzjoni u hafna drabi anke waqt l-inkjesta tal-Magistrat, bil-ligi jridu jixhdu mill-gdid viva voce u huwa dak li jiddeponu fil-guri, inkluz dak li jwiegbu fir-rigward ta' xi domandi li jistghu jsirulhom dwar xhieda precedenti taghhom, li l-gurati ghandhom jikkonsidraw fl-apprezzament taghhom tal-provi. Meta min ghandu jiggudika fuq il-fatti jasal ghall-konkluzjoni li a bazi tad-dikjarazzjonijiet precedenti huwa ma jistax jaghti affidament lix-xhud, ma jistax jipprocedi biex, bhala konsegwenza, jikkonkludi li allura dak li kien intqal fl-istqarrija jew dikjarazzjoni precedent ghandu jigi accettat bhala l-verita', ghax dan mhux permess mil-ligi taghna. Ma jistax jattribwixxi lix-xhud dak li jkun qal f'okkazjonijiet precedenti meta sussegwentement fil-guri ma jikkonfermax dawk il-fatti, anzi jixhed mod iehor. Invece min ghandu jiggudika fuq il-fatti ghandu, una volta ma tax kredibilita' lix-xhud, jieqaf hemm u jara hemmx provi ohra li jissuplimentaw il-prova li trid taghmel il-prosekuzzjoni, izda li fosthom ma jistax jinkludi d-dikjarazzjoni kontrastanti precedenti. Dan kollu li qed jinghad, kwantu jirrigwarda xhud u mhux l-akkuzat, ghaliex ghall-akkuzat hemm regola ohra differenti fil-Kodici Kriminali.[10]

[10] Deċiża nhar id-19 ta' Awwissu 1996 mill-Qorti tal-Appell Superjuri ppreseduta mill-Imħallfin Joseph Said Pullicino, Carmel Agius u Noel Arrigo.

48. Illi sabiex il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) setgħet tistrieħ fuq il-kontenut tal-istqarrija ta’ terz, kif donna għamlet, min ikun irrilaxxa l-istqarrija irid jinġieb jixhed quddiemha bil-ġurament **u** konsegwentement jikkonferma wkoll il-kontenut[11] tal-istqarrija tiegħu bħala prova jew alternattivament jiġġuramenta l-istqarrija tiegħu.

49. Iktar importanti minn hekk, sabiex din l-istqarrija titqies bħala prova ammissibbli fil-konfront ta’ terzi u mhux biss favur jew kontra tiegħu nnifsu skond id-dettami tal-artikoli 658 u 661 tal-Kodiċi Kriminali huwa essenzjali illi huwa jiġi mistoqsi matul ix-xhieda tiegħu[12] dwar il-veraċita’ o meno tal-kontenut tal-istqarrija tiegħu speċjalment jekk dan l-istess xhud ikun qed jixhed viva voce u jiddikjara fatti matul id-deposizzjoni tiegħu illi jkunu differenti minn dawk li hu jkun seta’ ddikkjara fl-istqarrija tiegħu.

50. Illi magħdud dan kollu jingħad b’kull rispett illi f’dan il-każ dan ma seħħx. Dan ix-xhud jidher illi ttella’ jixhed bil-ġurament, fejn ġie mistoqsi dwar dan il-każ. Matul din ix-xiehda tiegħu hu naqas milli jiddikjara illi l-appellant kien filfatt saq il-vettura mertu ta’ dan il-każ - kif allegatament kien għamel fl-istqarrija li kien oriġinarjament irrilaxxa lill-Pulizija.

51. Madanakollu matul id-deposizzjoni ta’ dan ix-xhud Mercieca, l-Ispettur inkarigat sempliċiment talab li tiġi eżebita l-istqarrija li dan ix-xhud kien irrilaxxa preċedentement. Iżda ġara li dan ix-xhud

---

[11] Enfażi tal-Qorti.

[12] Enfazi tal-Qorti. Ara wkoll ***Il-Pulizija vs. Etienne Mangion*** deċiża nhar is-6 ta’ Jannar 2005 mill-Qorti tal-Appell Kriminali ppreseduta mill-Imħallef Joseph Galea Debono fejn ġie ritenut is-segwenti:

> Illi stqarrija lill-Pulizija ta' terza persuna li ma tkunx guramentata fil-proceduri kontra akkużat mhix ammissibli bhala prova izda tista' biss tigi uzata biex tikkontrolla l-istess xhud waqt id-dispozizzjoni tieghu fil-process.

sempliċiment ikkonferma li din kienet stqarrija tiegħu **<u>mingħajr pero' ma kkonferma l-kontenut tal-istess stqarrija</u>**. L-anqas ma dan ix-xhud ġie mistoqsi jew ikkonfrontat dwar il-fatt illi hu kien ta informazzjoni f'din l-istqarrija li kienet differenti u/jew kontradittorja ma dik il-verżjoni li hu kien qed jagħti viva voce.

52. Il-fatt li xhud sempliċiment jikkonferma li din kienet l-istqarrija tiegħu – mingħajr ma din l-istqarrija tkun inqratlu seduta stante u mingħajr ma huwa jkun ġie konfutat b'dak li jkun hemm kontenut f'dik l-istqarrija – mhix, fil-fehma ta' din il-Qorti, proċedura suffiċjenti li tikkostitwixxi konferma bil-ġurament tal-kontenut tal-istess stqarrija. Dan peress li f'dak l-istadju ix-xhud ma jkunx ġie konfrontat b'dak li jkun fiha l-istqarrija biex ikun jista' jgħid liema minn dawk il-verżjonijiet forniti tkun dik veritjiera. B'hekk ma jkunx ġie li kkonferma jew ċaħad dawk il-partijiet fejn hu kien preċedentement stqarr differenti minn dak li jkun xehed viva voce.

53. Konsegwentement il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) ma setgħetx tqis din l-istqarrija, eżebita fl-atti b'dak il-mod, bħala prova tal-kontenut tagħha. Apparti minn hekk jirriżulta wkoll li dik l-istqarrija kienet ittieħed minn Warren Mercieca fi stadju fejn dan kien qiegħed jiġi suspettat mill-Pulizija li huwa kien involut fil-kommissjoni tar-reati de quo.

54. Din il-Qorti hija tal-fehma illi l-Qorti tal-Maġistrati (Malta) ma setgħatx toqgħod fuq dik l-istqarrija ta' Warren Mercieca f'dik l-istqarrija u b'hekk dak li dan ix-xhud seta' stqarr f'dik l-istqarrija sejjer jiġi skartat minn din il-Qorti.

55. Biss anke jekk, gratia argomenti, dik l-istqarrija setgħet kienet prova ammissibbli, xorta jibqa' l-fatt li fiha, Warren Mercieca l-anqas jgħid li huwa ra lill-appellant isuq il-vettura iżda jgħid li f'daqqa waħda semgħa ħafna rrejżjar ta' karozzi, mar mill-gate ta' wara fejn kien hemm dan il-ħoss, ra l-Maruti bil-faxx miġbud u l-ħġieġa ta' wara imkissra u lil Tristan fil-karozza. Kien qiegħed bil-bieba miftuħa u ra x'ġara u kif ra l-faxx ta daqqa ta' sieq. Jgħid li lill-oħrajn (nies oħrajn) ma kienx jafhom pero ġieli rahom fil-park għaqdu grupp u kif ra dik il-geġwiġija mar id-dar u ħalla lil Tristan hemmhekk. Imkien ma jgħid li kien Tristan li kien qiegħed isuq din il-karozza. Għal massimu dak li wieħed jista' jgħid minn din l-istqarrija kien li kien hemm Tristan li kien jinstab f'din il-karozza. B'hekk din il-prova waħdeha xorta waħda ma setgħetx twassal għal sejbien ta' ħtija. Biss din il-Qorti, għar-raġunijiet imsemmija aktar il-fuq xorta waħda tqis li l-mod kif dik l-istqarrija ġiet ammessa f'dawn l-atti ma setgħetx tikkostitwixxi prova ammissibbli.

**Ikkunsidrat**

56. Illi dawn ir-riżultanzi u konsiderazzjonijiet iwaslu għal sitwazzjoni fejn il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) ma kellhiex provi legalment ammissibbli li fuqhom setgħet tasal għall-konklużjonijiet b'mod safe and satisfactory li l-appellant kien qed isuq il-vettura mertu ta' dan il-każ biex b'hekk tkun tista' legalment jew raġonevolment issib ħtija fl-appellant fir-rigward tar-rimanenti imputazzjonijiet.

# Decide

Konsegwentement, din il-Qorti qegħda tilqa' l-appell ta' Tristan SCIBERRAS u għar-raġunijiet aktar il-fuq imsemmija tħassar is-sentenza appellata u b'hekk tilliberah minn kull imputazzjoni, ħtija u piena.

***Aaron M. Bugeja***
***Imħallef***